# Il-Madonna tal-Karmnu u l-poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila

Adrian Scicluna

Bħal ma' ħafna jafu, Dun Karm Psaila (Ħaż-Żebbuġ, 18 t'Ottubru 1871 – Valletta, 13 t'Ottubru 1961), magħruf sempliċiment bħala Dun Karm, huwa l-Poeta Nazzjonali Malti u kiteb l-Innu Malti fl-1945.

Qabel l-1912, meta kien għadu student, Dun Karm kiteb biss bit-Taljan. Huwa kompla jikteb bit-Taljan sal-1912 meta wara laqgħa li kellu ma' Mons. Pawl Galea u Ġużè Muscat Azzopardi beda jikteb bil-Malti fil-perjodiku "Il-Ħabib". L-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti kienet "Quddiem Xbieha tal-Madonna", waħda mill-isbaħ. Dun Karm innifsu jirrakkonta hekk:

"Għodwa waħda, fl-1912, żewġt iħbieb tiegħi Monsinjur Pawlu Galea u Ġużè Muscat Azzopardi, iltaqgħu miegħi u ħajruni niktbilhom xi poeżija sabiħa għall-ewwel ħarġa ta' rivista ġdida li kienu se jibdew jippubblikaw bil-Malti, jismu Il-Ħabib. U dakinhar filgħaxija mort id-dar u quddiem xbieha tal-Madonna tlabt: "Għażiża ommi għidli inti x'għandi nikteb, jiena nixtieq nibda b'poeżija miktuba għalik." Dak il-ħin stess qomt bil-ħeffa u niżżilt dak li ħassejt fil-poeżija Quddiem Xbieha tal-Madonna."

***QUDDIEM XBIHA TAL-MADONNA(1912)***
*Hekk kont sabiħa meta rajtek darba*
*F'ħolma, fil-hena taż-żgħurija tiegħi;*
*Kont rieqed waħdi f'sodda ċkejkna, mwarrba,*
*U Int mis-sema nżilt u qgħadt ftti miegħi.*
*Sbiħ il-jum, għejb ix-xemx, flimkien imxierka,*
*M'għandhomx lewn ħelu bħal wardiet ħaddejk;*
*Tisboq kull dija tas-smewwiet, o Mbierka,*
*Il-leħħa rżina minn ta' ħbub għajnejk.*
*Warda li tbexxaq fiż-żernieq ta' Mejju*
*Tixbaħ id-daħka ta' xofftejk, ħanina,*
*Fil-ħin li miegħek tħaddan, tfajjel ħlejju,*
*Il-kbir Feddej, li bata u miet għalina.*
*Għajnejh miksura f'nagħsa ħiemda, iserraħ*
*Ġesù fuq sidrek ir-ras tiegħu żgħira,*
*Minn qalbu għal qalbek ġid is-sema jferraħ...*
*Ma' dwarek l-anġli b'qima jħarsu b'għira.*
*Imbierka l-id illi pinġietek! Dija*
*Serqet lill-kwiekeb, ġmiel lill-ward tal-ġonna,*
*U bih libbsitek, o b'kull ħajr mimlija,*
*Sultana tas-smewwiet, ħelwa Madonna.*
*Hekk kont sabiħa, jien niftakar sewwa,*
*Meta fil-ħolma ta' żgħuriti lmaħtek;*
*T'għajnejk, ta' fommok kienet din il-ħlewwa;*
*U jien fi mħabbti bl-isem t'omm sejjaħtlek.*





Il-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila tant kien iħobb il-Madonna tal-Karmnu li meta mietet ommu offra l-barbazzal tagħha lill-Madonna. Fl-1954 kien kiteb ukoll poezija ddedikata lilha

LILL-MADONNA TAL-KARMNU(1954)

*F'egħluq il-mitt sena*
*li ilek fi ħdanna,*
*fil-fidi twettaqna,*
*fil-hemm tieqaf magħna,*
*Madonna tal-Karmnu,*
*għajn safja ta' mħabba,*
*li dejjem ma' dwarek*
*il-ġilju jitrabba,*
*Nixtiequ minn qalbna,*
*li tibqa' thennina;*
*li Inti għal dejjem*
*tkun tagħna ir-reġina.*


